# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 270/20/2 AF**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**l-Avukat tal-Istat, u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2020 (mogħti fir-rikors numru 270/2020/1) il-Qorti awtorizzat li jintervjenu fil-kawża l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-5 ta' Lulju 2021 li biha b'applikazzjoni tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) l-ewwel Qorti ddikjarat li r-rimedji ordinarji li kellu disponibbli għalih l-attur għadhom ma ġewx eżawriti u l-kawża saret b'mod intempestiv. Għalhekk ħelset lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Il-fatti tal-każ huma li hemm proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li fihom l-attur akkużat b'kompliċita` fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia. B'rikors preżentat fis-6 ta' Novembru 2020 il-familjari tal-vittma talbu lill-Qorti sabiex tawtorizzahom jagħmlu domandi lill-uffiċjal prosekutur dwar dak kollu li qal l-attur waqt li kien arrestat. L-attur oġġezzjona. B'digriet mogħti fl-10 ta' Novembru 2020 il-Qorti ddeċidiet li l-pulizija għandhom jixhdu dwar l-istqarrijiet li l-attur ta lill-investigaturi fir-rigward tat-talba biex jingħata maħfra mill-President ta' Malta, pero` *"..... limitatament safejn din tikkonċerna l-involviment tal-imputat fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u mhux informazzjoni dwar delitti oħrajn li mhux dawk li jinsab akkużat bihom l-imputat odjern"*. Xhieda li skont l-istess digriet għandha tingħata meta *"..... hekk jesiġi l-Avukat Ġenerali u mhux permezz ta' domandi li jsiru mill-parti civile, talanqas f'dan l-istadju"*. Ix-xhieda nstemgħu fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2020 u l-Qorti ordnat li s-smigħ isir fil-magħluq. Fis-16 ta' Novembru 2020 l-attur ippreżenta l-kawża fejn qiegħed jilmenta minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq (Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem) u talab għal rimedji. L-attur jilmenta li l-konsegwenza tad-digriet li ngħata fl-10 ta' Novembru 2020 ser titressaq bħala prova l-informazzjoni li ta lill-pulizija sabiex tintuża biss għal finijiet tat-talba sabiex jingħata l-maħrfa mill-President ta' Malta. Prova li jsostni li mhijiex

ammissibbli skont il-liġi. F'dan ir-rigward fil-premessi tar-rikors promotur qal:

> *"6. Illi kien hemm l-intiża ċara bejn il-partijiet kollha, anke fil-presenza tal-ex Kummissarju Lawrence Cutajar, illi din l-informazzjoni kienet ser tintuża biss unikament ai fini ta' talba għal maħfra presidenzjali u li din l-istess informazzjoni ma kienet u setgħet qatt tintuża kontra l-esponent;*
>
> *7. Illi inoltre l-esponent fl-ebda mument ta' dan il-proċess ma ingħata s-solita twissija skond il-liġi u ċioe' illi għandu d-dritt tas-silenzju u li dak kollu li ser igħid jinġib bi prova kontra tiegħu l-Qorti;*
>
> *..........*
>
> *9. Illi permezz ta' rikors datat 6 ta' Novembru 2020 il-parte civile talbet biex il-Pulizija jixhdu dwar dak li qal l-imputat Yorgen Fenech waqt li kien arrestat inkluż dwar dak li qal għall-fini li jingħata l-maħfra presidenzjali sabiex dan jikkostitwixxi prova kontra l-imputat;*
>
> *10. Illi d-difiża opponi għal tali talba pero' b'digriet tal-10 ta' Novembru 2020 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja laqgħat it-talba tal-parte civile fis-sens illi ddikjarat ammissibbli bħala prova kontra kontra l-esponent dik l-informazzjoni mogħija minnu.*
>
> *11. Illi l-konsegwenza tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-sens illi tali informazzjoni hija ammissibbli bħala prova, jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponent ta' smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *12. Illi bir-rispett, din l-informazzjoni mhux biss ingħatat b'mod kunfidenzjali lill-pulizija b'wegħda jew twebbil ta' vantaġġ u ċioe, il-maħfra, imma ingħatat mingħajr id-debita salvagwardji u drittijiet spettanti lis-suspettat mil-liġi. Għalhekk din l-informazzjoni qatt ma tista' tiġi ammessa bħala prova kontra l-imputat. Dan mhux biss, imma d-dritt li jirrinunzja għal tali garanzija qatt ma ingħata. Dan bi ksur lampanti tad-direttiva 2013/48/UE u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *13. Illi għalhekk il-lanjanza hija imsejsa fuq żewġ binarji u senjatament:*
>
> > *a. L-informazzjoni ingħatat b'mod kunfidenzjali lill-Pulizija bil-għan li tingħata proklama presidenzjali; u*
> >
> > *b. L-informazzjoni ingħatat mingħajr id-debiti salvagwardji u drittijiet spettanti lis-suspettat skond il-liġi".*

3. Il-konvenut u l-intervenuti ressqu l-eċċezzjoni preliminari li l-attur ma kienx għadu eżawrixxa r-rimedji ordinarji.

4. Bis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat u mill-intervenuti fil-kawża billi jirriżulta li r-rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrent għadhom ma ġewx eżawriti kif ukoll illi din l-azzjoni hija intempestiva.*
>
> *Konsegwentement teħles lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju".*

5. Wara li l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza dwar il-ħtieġa ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji, qalet:

> *"Applikati dawn il-prinċipji għal din il-kawża, il-Qorti tqis illi l-intimat u l-intervenuti fil-kawża għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom.*
>
> *Id-dover tal-Qorti Istruttorja huwa li tiġbor u tikkonserva l-provi. Dwar l-ammissibiltà ta' dik il-prova, ir-rikorrent jista', jekk u meta jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża, iressaq eċċezzjoni quddiem il-Qorti Kriminali u dan skont ma jipprovdu l-artikoli 438(2) u 449 tal-Kap. 9. Hija l-Qorti Kriminali, u fl-eventwalità ta' appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali, li hija kompetenti tiddeċiedi dwar l-ammissibiltà tal-prova u allura huwa ċar li r-rikorrent fil-fatt għandu rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tiegħu fiz-zmien opportun.*
>
> *Meta wieħed iqis l-ilmenti kollha sollevati, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali milli jindirizzaw l-ilmenti tiegħu. Il-fatt illi ma jaqbilx mad-digriet tal-Qorti Istruttorja ma jfissirx illi ġie leż jew ser jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, partikolarment meta ghandu l-jedd jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali permezz ta' eċċezzjoni appożita.*
>
> *Ukoll jekk ifalli fl-attentat tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent xorta jibqghalu d-dritt li jikkontrolla dik il-prova billi jippreżenta prova kuntrarja u li jagħmel mistoqsijiet in kontro eżami inkluż li jindirizza lill-ġurati dwar ir-rilevanza tax-xhieda u ċ-ċirkostanzi li fiha ngħatat.*

*Il-Qorti tista' tieqaf hawn, madanakollu, tqis ukoll illi l-azzjoni tal-lum hija intempestiva. F'dan il-każ il-kumpilazzjoni tal-provi għadha għaddejja u l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għadhom pendenti. Hu prinċipju assodat li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq jinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità tagħha u għalhekk, fejn il-proċess kriminali għadu għaddej, bħal fil-każ tal-lum, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet tiegħu, hija intempestiva.*

*...............*

*Fuq skorta tal-ġurisprudenza rilevanti, il-Qorti hija tal-fehma illi sabiex tikkonkludi dwar lezjoni o meno illum li l-proċeduri kriminali jiġu fi tmiemhom. F'dan l-istadju, din il-Qorti mhijiex f'posizzjoni tikkunsidra l-ilmenti fid-dawl tal-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tagħmel evalwazzjoni ta' kif dak li jilmenta dwaru r-rikorrenti ser jinċidi fuq il-verdett finali.*

*Fil-każ preżenti, huwa biss wara verdett finali li r-rikorrent jista' jressaq l-allegazzjonijiet tiegħu ta' ksur tad-drittijiet fundamentali għaliex huwa biss wara li jkun hemm deċiżjoni finali mill-Qrati ta' kompetenza kriminali li l-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jistgħu jagħmlu evalwazzjoni dwar jekk seħħx jew le dan l-allegat ksur.*

*Mhuwiex rilevanti li l-informazzjoni li ta r-rikorrent kienet relatata mat-talba għall-maħfra presidenzjali. Din hija kwistjoni ta' xhieda preservata għall-finijiet ta' proċeduri kriminali. Il-Qorti ttenni li l-Qorti Istruttorja qiegħda sempliċiment tikkonserva l-prova u mhux tiddeċiedi l-ħtija o meno tar-rikorrenti.*

*Fuq kollox, id-deposizzjoni tal-Uffiċjali Prosekuturi ngħatat bil-magħluq u r-rikorrent ma weriex li sofra xi preġudizzju f'dan l-istadju. Ir-rikorrent talab li din il-prova tiġi konservata mingħajr ma tikkawżalu l-ebda dannu u b'hekk il-Qorti Istruttorja ordnat divjet fuq il-pubbliċità tad-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda li fi-fatt iddeponew bil-magħluq u bl-esklużjoni tal-istampa u tal-pubbliku. Dan mhuwiex xi każ fejn kienet ser iseħħ jew seħħ xi preġudizzju irrimedjabbli. Ifisser ukoll li r-rikorrent kellu wkoll rimedju ordinarju anke quddiem il-Qorti Istruttorja.*

*...............*

*Għaldaqstant, dak li qed jilmenta dwaru r-rikorrent jista' jiġi indirizzat mill-Qorti Kriminali meta jkun il-waqt u kwalunkwe lment kostituzzjonali dwar din il-kwistjoni tinneċessita eżami tal-proċeduri kollha fl-intier tagħhom. Certament ma jistax, f'dan l-istadju, jiġi investigat dan l-episodju waħdu".*

6. Fil-qasir l-attur spjega l-aggravji b'dan il-mod:

i. M'għandux rimedju ordinarju. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tiġbor il-provi, xorta hi soġġetta għar-regoli tal-evidenza u proċedura penali. Għalhekk tista' tiġbor biss dawk il-provi li huma relevanti u ammissibbli skont il-liġi.

ii. L-informazzjoni li hu ta sabiex jingħata l-proklama mill-President ta' Malta mhijiex ammissibbli bħala prova għaliex ingħatat *"...... b'wegħda espressa li jekk ma jingħatax il-proklama din l-informazzjoni qatt ma tista tinġieb kontra tiegħu"*. Għalhekk il-Qorti Istruttorja kienet żbaljat meta aċċettat li ssir dik il-prova.

iii. Bil-mod kif l-istess Qorti nterpretat l-Art. 658 tal-Kodiċi Kriminali, ifisser li l-pulizija tista' tiġbor stqarrija bl-użu ta' wegħdiet.

iv. L-għoti ta' proklama hu regolat mill-Art. 93 tal-Kostituzzjoni. Ladarba l-attur qiegħed jilmenta minn proċess stabbilit mill-Kostituzzjoni, hi biss Qorti li għandha ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tista' tagħti rimedju effettiv.

v. Il-fatt waħdu li l-attur jista' jagħti eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali, il-Qorti Ċivili xorta għandha d-diskrezzjoni li tibqa' tisma' l-kawża kostituzzjonali.

vi. It-talba tal-attur mhijiex intempestiva. Hi l-Kostituzzjoni fl-Art. 46 li tippermetti li ssir kawża ta' din it-tip. F'dan ir-rigward għalkemm l-ewwel Qorti

għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, xorta tat ordni li ma jsirx użu mill-istqarrijiet fil-proċeduri kriminali.

vii. L-istqarrijiet li għamel l-attur diġa` qegħdin jintużaw u dan bi preġudizzju għall-attur. Dan seħħ f'kawża li qiegħda tinstema' mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla numru 233/19 (**Yorgen Fenech v. Kummissarju tal-Pulizija et**)

7. Għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"a. tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi nhar il-5 ta' Lulju 2021 u minflok tipproċedi biex tagħti dawk id-direttivi u rimedji li jidhrilha xierqa; jew alternattivament*
>
> *b. tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi nhar il-5 ta' Lulju 2021 u jekk fil-ġudizzju tagħha din l-Onorabbli Qorti tqis li t-talba tal-esponent hija intempestiva, wara li tisma' kull prova li tqis relevanti, tordna minflok li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx iktar użu fil-proċeduri kriminali mill-informazzjoni li l-esponent ta lill-pulizija bl-intiża sabiex jingħata l-maħfra presidenzjali".*

8. Il-konvenut u l-intervenuti fil-kawża wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-attur.

9. Mhemmx dubju li l-attur ser ikollu kull opportunita` li quddiem il-Qorti Kriminali jargumenta, kif għamel quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li dak kollu li qal lill-investigaturi b'referenza għat-talba sabiex jingħata l-maħfra, ikun dikjarat li mhuwiex ammissibbli bħala prova u ma jitqisx bħala prova. Dik hi materja ta' applikazzjoni ta'

liġi ordinarja u mhux kwistjoni li għandha tiġi determinata f'kawża ta' din ix-xorta.

10. F'paragrafu 12 tar-rikors promotur li bih l-attur beda l-kawża, isostni li dak li qal lill-pulizija kien b'wegħda jew twebbil ta' vantaġġ li jingħata l-maħfra. Għalhekk jinsisti li seta' qal lill-investigaturi waqt il-laqgħat relatati mat-talba tiegħu għall-maħfra, mhuwiex ammissibbli bħala prova. Għall-Qorti hu evidenti li dan l-argument bażat fuq l-Art. 658 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9)[1] fejn jingħad li dak li imputat jgħid lill-pulizija ma jkunx jista' jinġieb bi prova jekk ikun meħud *".... b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi"*. Pero` dik hi kwistjoni li għandha eventwalment tkun deċiża fil-proċeduri kriminali li ser isiru quddiem il-Qorti Kriminali. Kwistjoni li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' liġi kriminali għall-fatti li ser jirriżultaw mill-provi. Wieħed irid jiftakar li fil-kumpilazzjoni qegħdin jinġabru provi bil-għan li jiġu konservati u xejn mhu definit. Altru milli l-attur għandu rimedju ordinarju, irrispettivament minn dak li ddeċidiet il-Qorti Istruttorja bid-digriet tal-10 ta' Novembru 2020.

11. L-attur jallega li kien hemm ftehim mal-investigaturi li dak li jgħidilhom ma jitressaqx bi prova kontrih u li qatt ma ngħata twissija li għandu l-jedd tas-silenzju u dak li ser jgħid jista' jitressaq bħala prova

---

[1] *"658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu* ***volontarjament*** *u* ***ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża' jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi****".*

kontrih. Dawn ukoll huma argumenti li l-attur għandu l-opportunita` li jqajjem quddiem il-Qorti Kriminali, fis-sens ta' kemm jekk dak li qal huwiex ammissibbli bħala prova taħt il-liġi ordinarja u f'kull każ jekk dak li qal lill-investigaturi għall-finijiet tat-talba sabiex jingħata l-maħfra għandux jiġi kkonsidrat jew skartat jekk dak allegat mill-attur jirriżulta li hu minnu. Dan ovvjament wara li jiġu kkonsidrati l-fatti rilevanti ta' x'eżattament ġara meta l-attur tkellem mal-investigaturi, u li dwaru ser ikunu qegħdin jagħtu xhieda.

12. Id-digriet li ngħata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mhuwiex deċiżjoni finali. Hu biss digriet relatat ma' ġbir ta' provi fi stadju ta' kumpilazzjoni. Dan apparti li l-attur qiegħed jikkritika dak id-digriet u jsostni li dik il-Qorti m'applikatx il-liġi ordinarja b'mod korrett. L-ewwel Qorti u din il-Qorti m'għandhomx il-kompetenza sabiex japplikaw u jinterpretaw id-dispożizzjonijiet li hemm fil-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), u żgur li ma jistgħux iservu biex l-attur jappella minn dak id-digriet.

13. L-argument li huma biss il-Qorti Ċivili, Prim'Awla u din il-Qorti li jistgħu jiddeċiedu dan il-każ minħabba li hu relatat ma' talba sabiex tingħata proklama skont Art. 93 tal-Kostituzzjoni, hu skorrett ukoll. L-attur qiegħed jikkontesta l-ammissibilita` tal-provi fil-proċeduri kriminali tant hu hekk li minn dak li ntqal mid-difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni, fehmet li hemm eċċezzjonijiet f'dak is-sens quddiem il-Qorti Kriminali. Hu

f'dawk il-proċeduri li għandu jiġi deċiż jekk dawk l-istqarrijiet humiex ammissibbli bħala prova skont il-liġi ordinarja, u fil-każ jingħata r-rimedju opportun.

14. Ilment ieħor tal-attur hu li fl-ebda stadju qabel ta t-tagħrif lill-investigaturi ma ngħata t-twissija li għandu d-dritt tas-silenzju u li dak li ser jgħid jista' jinġieb bi prova kontrih. Hu fatt li fil-Kodiċi Kriminali mhemmx dispożizzjoni li timponi fuq il-pulizija obbligu li jagħtu *caution* lill-persuna suspettata li wetqet reat. Hu fl-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164) li hemm kodiċi ta' prattika dwar kif issir interrogazzjoni (ara t-Tielet Skeda) fejn paragrafu 4 jipprovdi:

> *"Il-persuna li tkun qed tiġi interrogata għandha d-dritt li tirrifjuta milli twieġeb għal xi mistoqsija li ssirilha.*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet, qabel ma ssir l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata li tkun għamlet reat, għandha tingħata twissija jew twiddiba f'din il-forma li ġejja:*
>
> *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova"*.

15. Pero` mhemmx dispożizzjoni fil-liġi ordinarja li tipprovdi espressament li dak li suspettat jgħid mingħajr qabel ikun ingħata t-twiddiba li għandu d-dritt għas-silenzju u li ma jinkriminax lilu nnifsu, ma jkunx ammissibbli bħala prova fil-proċess kriminali. Fis-sentenza **Jalloh v Germany** (5481000), il-Grand Chamber tal-QEDB qalet:

> *"94. ... While Article 6 guarantees the right to a fair hearing, it does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is*

*primarily a matter for regulation under national law (see Schenk v. Switzerland, 12 July 1988, §§ 45-46, Series A no. 140, and Teixeira de Castro v. Portugal, 9 June 1998, § 34, Reports 1998-IV).*

*...*

*100. As regards the use of evidence obtained in breach of the right to silence and the privilege against self-incrimination, the Court recalls that these are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6. Their rationale lies, inter alia, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities, thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of Article 6. The right not to incriminate oneself, in particular, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused (see, inter alia, Saunders, cited above, § 68; Heaney and McGuinness, cited above, § 40; J.B. v. Switzerland, no. 31827/96, § 64, ECHR 2001-III; and Allan [v. the United Kingdom, no. 48539/99], § 44[, ECHR 2002-IX]).*

*101. In examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination, the Court will have regard, in particular, to the following elements: the nature and degree of the compulsion, the existence of any relevant safeguards in the procedures and the use to which any material so obtained is put (see, for example, Tirado Ortiz and Lozano Martin v. Spain (dec.), no. 43486/98, ECHR 1999-V; Heaney and McGuinness, cited above, §§ 51-55; and Allan, cited above, § 44).*

*102. The Court has consistently held, however, that the right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect*

*...*

*117. In order to determine whether the applicant's right not to incriminate himself has been violated, the Court will have regard, in turn, to the following factors: the nature and degree of compulsion used to obtain the evidence; the weight of the public interest in the investigation and punishment of the offence in issue; the existence of any relevant safeguards in the procedure; and the use to which any material so obtained is put."*

16. Madankollu fil-proċeduri kriminali li għad iridu jsiru quddiem il-Qorti Kriminali mhemm l-ebda ostakolu li jiġi argumentat li l-istqarrijiet li seta' għamel l-attur ma kinux volontarji jew li m'għandhomx jiġu kkonsidrati minħabba li ma kienx infurmat li għandu l-jedd tas-silenzju u li ma jinkriminax lilu nnifsu. Dan ukoll għal dak li jirrigwarda l-argument dwar kemm huma affidabbli bħala prova. Dan apparti li kull Qorti għandha d-dmir li tapplika u tinterpreta l-liġi ordinarja b'mod li tkun konformi mad-drittijet fundamentali skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Fil-proċeduri kriminali l-attur ser ikollu kull opportunita` li jikkontesta l-validita` tal-istqarrijiet kollha li ta lill-pulizija, kif il-Qorti fehmet li diġa` qiegħed jagħmel quddiem il-Qorti Kriminali. Dan apparti li l-attur ma ressaqx provi u lanqas m'għamel argumenti b'saħħithom li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li hu essenzjali li l-ilmenti tal-attur bażati fuq l-Art. 6 u 39 tal-Kostituzjoni għandhom jiġu mistħarrġa f'dan l-istadju qabel ma jkun hemm konsiderazzjoni tal-ilment tiegħu mill-aspett tal-liġi ordinarja u li għandu jsir fil-Qorti Kriminali.

17. Fir-rigward tal-ilment tal-attur li dak li qal lill-investigaturi diġa` ntuża f'kawża kostituzzjonali, m'għandu x'jaqsam xejn mal-ilment kif spjegat fir-rikors promotur li bih inbdiet il-kawża. Il-kawża titratta dwar provi li l-prosekuzzjoni ressqet fil-proċeduri kriminali u mhux f'kawża kostituzzjonali.

18. Hu minnu li hemm sentenzi ta' din il-Qorti fir-rigward ta' stqarrijiet li persuna suspettata li wettqet reat tkun tat lill-pulizija fl-assenza ta' avukat biex jassistiha, li jgħidu jkun floku li dawk l-istqarrijiet ma jintużawx fil-proċeduri kriminali. Sentenzi ta' din il-Qorti li ngħataw meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Pero` dawk il-każijiet kienu ferm differenti minn dak in eżami, fejn il-Qorti fehmet li l-attur kien assistit minn avukat. Apparti li l-ilmenti tal-attur jinkludu kwistjoni dwar jekk l-istqarrijiet humiex ammissibbli skont il-liġi ordinarja, ċioe` l-Kodiċi Kriminali.

19. Il-Qorti ser tieqaf hawn ġialadarba bil-fatt li l-attur ser ikollu jeżawrixxi r-rimedji ordinarji, fih innifsu jwassal għall-konklużjoni li l-kawża kostituzzjonali li għamel hi intempestiva.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontrih, b'dan li l-intervenuti għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom ġialadarba huma biss intervenuti fil-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm